IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 900*
*Awwissu - Settembru 2008*
Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni*:
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 9
X'għadda minn għalina • 11
Riflessi • 16
Għawdex fil-Ġurnali • 17
Għawdex fil-Parlament • 18
Kummentarju (2) • 19
Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (6) • 21
Speċjali Sena Pawlina (2) • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
DOKUMENTAZZJONI
Il-Misteru tal-Knisja (16) • 28
Snajja Qodma (12) • 30
Mixjiet Madwar Għawdex (1) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Għawdex "On-Line" (2) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (7) • 36
Għawdex 300 sena ilu (166) • 37
Passiġġata Biblika (38) • 38
Għawdex ma' nżul ix-xemx • 40
Esperjenzi: Wara 50 sena • 42
Intervista • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Tisliba • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (12) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Ted Attard, Ministeru għal Għawdex, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Ħajr lil Tower Publications, Sliema.*




# *"Il-Ħmira tal-Konvinzjoni"*

***"Pajjiżna jeħtieġ bil-kbir il-ħmira tal-konvinzjoni u tal-verità tal-fidi."*** *Hekk għalqu l-Isqfijiet tagħna, l-Ittra Pastorali tagħhom fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Pawlina – Ittra Pastorali li hi fiha nfisha ħmira għall-konvinzjoni. Imqar dan il-vers biss fih ħafna x'wieħed jixtarr.*

*Hawn in-"nisrani tal-qoxra" li jxidd il-libsa tal-fidi nhar ta' Ħadd u jmur biss għall-quddiesa ta' l-obbligu. Imma din il-kategorija, kif turi l-attendenza għall-quddies tal-Ħadd, qegħda kulma jmur tonqos fin-numru. Maż-żmien il-qoxra ssir skomda għaliex fiha minn dak magħmul kontra l-qalb. Jista' jkun li n-nisrani tal-qoxra, bħalma ġara x'imkien ieħor, jispiċċa biex f'ħajtu kollha jidħol fil-knisja tliet darbiet: biex jitgħammed, biex jiżżewweġ u biex jitbewweġ – li x'aktarx isiru tnejn, ta' l-ewwel għax jinġarr b'għożża mill-ġenituri, u tat-tielet għax jinġarr f'kaxxa magħluqa!*

*Jiġri wkoll fostna, li għalkemm ma nkunux insara tal-qoxra, forsi nkunu bla nintebħu "insara tal-fosdqa" – insara sodi fit-twemmin u prattikanti, b'intenzjonijiet retti, iżda li jridu jibqgħu fl-anonimità. Inkunu persuni preżenti fil-pjazez, fil-każini, fl-istituzzjonijiet, fil-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment, fil-kitba u fix-xandir, imma* ***m'aħniex reattivi u wisq inqas proattivi biex inqegħdu fid-dieher, bil-kelma u bl-eżempju, l-konvinzjoni tat-twemmin tagħna.*** *Inkunu nsara li, fil-kultura tal-lum, isibuha bi tqila biex jesprimu ruħhom kontro-kurrent. Qegħdin fil-kurrent soċjali, li għalkemm ma jġorrniex miegħu, bħal jiżloq madwarna, u aħna, fis-serħ u l-kumdità tal-fosdqa, ma' tantx jimportana. Hemm fostna min x'aktarx jitmeżmeż mit-tiranija fina tar-rispett uman.*

*Qegħdin ngħixu f'soċjetà fejn xejn m'hu dnub, soċjetà li mbagħad spiss tkun pronta titkaża u tperreċ għall-istmerrija pubblika l-ħtijiet tan-nisrani. F'soċjetà żgħira bħalma hi tagħna, fejn nafu lil xulxin iżżejjed bil-preġji u d-difetti, in-nisrani jista' jiskuraġġixxi ruħu minħabba kritika ta' kummenti li jifgaw fih ir-rieda għall-istqarrija pubblika tal-fidi b'konvinzjoni. Meta jiġri hekk, ma nkunux nagħrfu biżżejjed il-fatt li n-nisrani mhuwiex il-bniedem li ma jiżbaljax, imma huwa l-bniedem li, bl-Ispirtu ta' Kristu li hemm fih u li jdewwih, hu mogħti l-ħila u l-mezzi biex jindem u jqum kulmeta jaqa' fil-mixja kontinwa tal-konverżjoni.*

***M'għadux iż-żmien la għan-nisrani tal-qoxra u lanqas għan-nisrani tal-fosdqa. "Il-konvinzjoni ta' San Pawl," jgħidulna l-Isqfijiet fl-Ittra Pastorali, "kienet qawwija biżżejjed li ma staħax jitkellem b'mod differenti minn dawk ta' madwaru, ma ħassux inqas mill-oħrajn meta għamel proposti skond l-Evanġelju dwar il-familja, l-ugwaljanza, l-iskjavi, is-sesswalità, il-mara…"***

*L-għaġna soċjali teħtieġ illum, bħal fi żmien San Pawl, "il-ħmira tal-konvinzjoni" fil-fidi tagħna. Mhux li din is-Sena Pawlina sservina biex mit-tagħlim ġenwin ta' l-Appostlu Missierna nakkwistaw u nżommu sħiħ fina mqar niskata minn din il-ħmira...*

**Joseph W. Psaila**